ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2017/C 19/05)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA MHUX MINURI FL-ISPEĊIFIKAZZJONI TA' DENOMINAZZJONI TA' ORIĠINI PROTETTA JEW TA' INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA PROTETTA

**Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012**

"**CORNISH SARDINES**"

**Nru tal-UE: UK-PGI-0105-01306 — 29.1.2015**

**DOP ( ) IĠP ( X )**

1. **Grupp applikant u interess leġittimu**

Cornish Sardine Management Association
Indirizz: Admiralty Boat House
The Strand
Newlyn
Penzance
Cornwall TR18 5HL
UNITED KINGDOM

Tel. +44 1736364324
Email: info@seafoodcornwalltraining.co.uk & r_caslake@seafish.co.uk

Il-Cornish Sardine Management Association (CSMA) tirrappreżenta l-bastimenti tas-sajd bi xbieki tad-tidwir bil-vajjina li qed jieħdu passi legali kontra s-sajd tas-Sardin u l-proċessuri li jitrattaw is-Sardin fi ħdan il-limiti stabbiliti f'dan id-dokument.

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz**

Ir-Renju Unit

3. **Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda/i**

— ☐ Isem il-prodott

— ☒ Deskrizzjoni tal-prodott

— ☒ Żona ġeografika

— ☒ Prova tal-oriġini

— ☒ Metodu ta' produzzjoni

— ☒ Rabta

— ☐ Tikkettar

— ☒ Oħrajn: aġġorna d-dettalji dwar il-grupp applikant

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

4. **Tip ta' emenda/i**

— ☒ Emenda għall-ispeċifikazzjoni ta' prodott ta' DOP jew IĠP reġistrata li ma għandhiex tiġi kwalifikata bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

— ☐ Emenda għall-ispeċifikazzjoni ta' prodott ta' DOP jew IĠP reġistrata li għaliha ma ġiex ippubblikat Dokument Uniku (jew l-ekwivalenti) li ma għandhiex tiġi kwalifikata bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

5. **Emenda/i**

L-emendi huma meħtieġa biex isir:

— aġġornament fl-isem tal-korp ta' ġestjoni tas-sajd imsemmi tul l-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal Cornish Sardines. Il-Cornish Sea Fisheries Committee (CSFC) (Il-Kumitat tas-Sajd tal-Baħar ta' Cornwall) issa ġie sostitwit mill-Cornwall Inshore Fisheries and Conservation Authority (CIFCA) (l-Awtorità tas-Sajd u l-Konservazzjoni qrib il-Kosta ta' Cornwall),

— aġġornament fil-prattika tal-ħatt tal-Cornish sardines. Minħabba ċ-ċaqliq tal-ħut aktar lejn il-Lvant, u sabiex jinżammu l-istandards ta' kwalità tal-ħut inħasset il-ħtieġa li ż-żona ġeografika tiġi estiża biex tinkludi l-port ta' Plymouth għall-finijiet ta' ħatt u pproċessar biss. Iż-żona ta' qbid mhux se tinbidel, u tirreferi għaż-żoni tal-baħar tal-ġurisdizzjoni l-ġdida (distretti) tal-Cornwall Inshore Fisheries and Conservation (CIFCA). Din il-bidla fil-prattika tal-industrija seħħet minħabba ċ-ċaqliq lejn il-Lvant tal-ġlejjeb tas-sardin. Dan iċ-ċaqliq lejn il-Lvant x'aktarx li seħħ minħabba bidliet fil-kurrenti tal-oċean ikkawżati bit-tibdil fil-klima. It-temperatura tal-ilma lejn il-Lvant kienet qiegħda tkun medja ta' żewġ gradi ċentigradi aktar sħuna, skont ir-rekords mis-satellita u mir-reġistrazzjonijiet tal-bagi ta' Plymouth Marine Laboratories, li juru wkoll żieda fl-istokk taż-żooplankton li minnu jiekol is-sardin matur. Il-kompożizzjoni delikata tal-ħut titlob li jinħatt u jiġi pproċessat fuq ix-xatt malajr sabiex jinżammu l-kwalità u l-istandards għoljin. Iċ-ċaqliq lejn il-Lvant tal-ġlejjeb ta' sardin fiż-żona ġeografika ddefinita, jeħtieġ li Plymouth, l-uniku port mingħajr marea fl-estremità tal-Lvant taż-żona tal-qbid li kapaċi jimmaniġġja, iħott u jipproċessal-qabda fil-limitu ta' ħin meħtieġ, jiġi inkluż bħala punt ta' ħatt u pproċessar. Hemm tradizzjoni twila ta' dgħajjes tas-sajd tal-Cornish Sardines li huma bbażati fil-port ta' Plymouth minħabba li huwa qrib iż-żoni ta' sajd u l-port ilu jaqdi rwol ċentrali fis-sajd bit-tartarun, kif innutat minn Crispin Gill fl-1979 fil-ktieb tiegħu *Plymouth — A New History* (Plymouth — Storja Ġdida). Hemm referenzi għal negozjanti fi Plymouth li żviluppaw suq ta' esportazzjoni għas-sardin ikħal/is-sardin li jmorru lura għas-seklu 16. In-negozjanti kienu jibnu kantini madwar iż-żona ta' Plymouth sabiex jipproċessaw u jaħżnu l-ħut. Kummenti mill-Organizzazzjoni tas-sajd tal-aringa, bil-konz u tas-sardin ikħal li jmorru lura għall-1889-90 kienu jiddikjaraw li "ix-xerrejja kollha tas-sardin ikħal/tas-sardin mil-Lbiċ kienu stabbiliti fi Plymouth f'ċertu żminijiet".

Plymouth kien jipprovdi tradizzjonalment suq b'kapaċitajiet ta' ħatt u pproċessar meħtieġa għall-bejgħ, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tas-sardin filwaqt li jżomm il-kwalità billi jnaqqas il-ħin bejn il-qbid u l-ħatt. Plymouth għadu jipprovdi dawn ir-rwoli kif ukoll għandu l-faċilità għas-sajjieda li jnaddfu u jsewwu x-xbieki tagħhom permezz ta' tekniki ta' manifattura tradizzjonali tax-xbieki. Il-kwistjoni ta' sigurtà u l-provvediment ta' kenn għad-dgħajjes fil-maltemp huwa wkoll essenzjali għal Plymouth bħala port għas-sajd tal-Cornish Sardines. Id-dgħajjes li jistadu madwar iż-żona ta' Plymouth Sound, jekk ma jħottux il-qabda tagħhom fi Plymouth, ikollhom jerħulha lejn portijiet tal-Punent mingħajr garanzija ta' kenn meta jaslu minħabba l-marea f'ċerti portijiet bħal Looe u Polperro. Il-ħin miżjud ta' vvjaġġar lejn dawn il-portijiet ikollu implikazzjonijiet ta' sigurtà f'dak li jirrigwarda l-istabilità ta' dgħajjes kompletament mgħobbija li jkollhom jivvjaġġaw aktar 'il bogħod sabiex iħottu l-qabdiet tagħhom. Il-ħin itwal tal-ivvjaġġar għandu wkoll effett ħażin fuq il-kwalità tal-qabda.

(a) *Deskrizzjoni*

Raġuni għall-emenda:

Biex tiġi aġġornata r-referenza għaż-żona ġeografika sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-bidla mitluba fiż-żona ġeografika.

Tiġi emendata biex taqra:

Cornish Sardines huwa l-isem mogħti lill-ħut pelaġiku tal-ispeċi sardina pilchardus li jkun inqabad, inħatt u ġie pproċessat fiż-żona ġeografika indikata. L-isem ordinarju mogħti lill-ħut huwa pilchard (sardin).

(b) *Żona ġeografika*

Raġuni għall-emenda:

Biex jiġu aġġornati d-dettalji tal-korpi governattivi u titwessa' ż-żona ġeografika b'mod li tiġi inkluża ż-żona tal-port ta' Plymouth (għal skopijiet ta' ħatt u pproċessar biss) li hija koperta mill-kodiċi postali PL4; iż-żona ta' qbid mhux se tinbidel (Iż-żoni tal-baħar tal-ġurisdizzjoni tal-Cornwall Inshore Fisheries and Conservation Authority (CIFCA), li huma analogi għal dawk identifikati mill-Cornish Sea Fisheries Committee (CSFC) għall-qbid). Dan il-kodiċi postali jkopri ż-żona tal-baċir tal-ħatt tal-ħut u s-suq tal-ħut fi Plymouth.

Din l-espansjoni hija meħtieġa minħabba ċ-ċaqliq tal-ġlejjeb ta' sardin li mxew lejn il-Lvant. Dan iċ-ċaqliq lejn il-Lvant x'aktarx li seħħ minħabba bidliet fil-kurrenti tal-oċean ikkawżati bit-tibdil fil-klima. It-temperatura tal-ilma lejn il-Lvant kienet qiegħda tkun medja ta' żewġ gradi ċentigradi aktar sħuna, skont ir-rekords mis-satellita u mir-reġistrazzjonijiet tal-bagi ta' Plymouth Marine Laboratories, li juru wkoll żieda fl-istokk taż-żooplankton li minnu jiekol is-sardin matur.

Tiġi emendata biex taqra:

"Il-Kontea ta' Cornwall. Il-qbid tas-sardin ser ikun definit bħala ż-żoni tal-ibħra taż-żona tal-ġurisdizzjoni tal-Cornwall Inshore Fisheries and Conservation Authority (CIFCA) (magħrufa wkoll bħala d-distrett CIFCA) — sa sitt mili 'l barra mill-Kosta ta' Cornwall. Iż-żona tal-port ta' Plymouth koperta mill-kodiċi postali PL4, hija inkulża wkoll, għall-ħatt u l-ipproċessar biss.

Id-Distrett ta' Cornwall IFCA jestendi minn Marsland Mouth fuq il-kosta tat-Tramuntana ta' Cornwall, sal-estremità tal-Punent tal-Plymouth Breakwater fi Plymouth Sound fil-kosta tan-Nofsinhar, sal-limitu ta' sitt mili 'l barra għall-ilmijiet kollha u jinkludi x-xmajjar u l-estwarji sal-limiti tal-marea. Id-Distrett huwa mkejjel mil-linji bażi tal-1983 kif kienu jeżistu fil-25 ta' Jannar 1983, li jista' jkun minn blat espost, inkluża Eddystone Rock, u elevazzjonijiet oħrajn tal-marea baxxa. Il-linji bażi huma konformi mal-Ordni tal-Ilmijiet Territorjali fil-Kunsill 1964 (1965 III p. 6452 A) kif emendata mill-Ordni (tal-Emenda) tal-Ilmijiet Territorjali fil-Kunsill 1979 (1979 II p. 2866)."

(c) *Prova tal-oriġini*

Raġuni għall-emenda:

Biex jiġu aġġornati l-korpi governattivi msemmija b'informazzjoni attwali.

Emenda l-ewwel paragrafu biex jaqra:

"Meta tkun saret il-qabda, is-sajjieda jirreġistraw l-informazzjoni li tinkludi t-tunnellaġġ, il-post, u l-fond li fih tkun inqabdet, il-metodi tas-sajd, ir-reġistru tal-qabdiet aċċessorji eċċ, waqt li jkunu għadhom fuq id-dgħajjes. L-informazzjoni tingħabar mill-Cornish Sardine Management Association (CSMA) biex tiġi rreġistrata fuq il-bażijiet tad-data tagħhom. Huwa rekwiżit tas-CSMA li jiżgura li l-kaptani u s-sidien jirreġistraw u jippreżentaw id-dettalji tal-qabda tagħhom lis-CSMA. Din l-informazzjoni hija evidenza li l-prodott inqabad fiż-żona ġeografika. L-informazzjoni għandha tingħata liberament lis-CIFCA u lill-Marine Management Organisation u d-data miġbura tintuża mis-CSMA biex tivvaluta l-qabda annwali għal kull unità ta' sforz."

Emenda t-tielet paragrafu biex jaqra:

"Il-qabdiet kollha huma rreġistrati u mmonitorjati mis-CIFCA u mill-Marine Management Organisation (MMO)."

(d) *Metodu ta' produzzjoni*

Raġuni għall-emenda:

Biex titneħħa r-referenza għall-korpi governattivi msemmija li issa hija skaduta u jittieħed kont tal-proposta li tiġi inkluża ż-żona tal-port ta' Plymouth meta tiġi deskritta ż-żona ġeografika b'rabta mal-ipproċessar.

Emenda l-ewwel paragrafu biex jaqra:

"Id-dgħajjes joħorġu fuq il-baħar minn portijiet fiż-żona ġeografika u jużaw ix-xbieki tat-tidwir bil-vajjina u l-għeżula tat-tisqif sabiex jaqbdu l-Cornish Sardines."

Emenda t-tieni paragrafu biex jaqra:

"Il-Cornish Sardines jittellgħu abbord mix-xbieki tat-tidwir bil-vajjina jew mill-għeżula tat-tisqif. Ladarba jkunu abbord, il-Cornish Sardines jitpoġġew fis-silġ sabiex tinżamm il-kwalità u l-freskezza. Id-dgħajjes jużaw laned iżolati u ċerti dgħajjes jużaw stivi tal-ħut sabiex jaħżnu l-ħut f'kundizzjoni kiesħa qabel ma jeħduh l-art."

Emenda t-tielet paragrafu biex jaqra:

"Lura fuq l-art is-sardin jinbiegħ lin-negozjanti u lill-proċessuri tal-ħut kemm direttament mid-dgħajsa kif ukoll f'xi suq bl-irkant. Ix-xerrejja jiġbru l-ħut mill-moll jew mis-suq u jeħduh fil-fabbrika lokali tagħhom. Is-sajjieda jirreġistraw liema proċessuri xtraw il-ħut tagħhom sabiex jiżguraw it-traċċabbiltà tul il-katina ta' forniment."

Raġuni għall-emenda:

Aġġornament tat-test taħt l-aħħar punt relatat mal-ippakkjar. Ir-rekwiżit li l-ippakkjar għandu jsir f'pakketti ta' 10 kili jew inqas għandu jitħassar, peress li din il-prattika ma għadhiex tintuża.

Emenda r-raba' paragrafu:

Ħassar il-ħames punt: "L-ippakkjar huwa definit bħala ppakkjar f'kontenituri individwali ta' inqas minn 10 kg".

Emenda l-ħames paragrafu biex jaqra:

"Meta jkun sħiħ, il-ħut frisk jiġi ppakkjat f'kaxxi tas-silġ jew imkessħa biex jiġi ttrasportat għall-klijenti. Inkella l-ħut jiġi ffriżat u ppakkjat f'kaxxi jew boroż għall-ħażna fil-friża u mbagħad jiġi mgħoddi lill-klijenti."

(e) *Rabta*

Raġuni għall-emenda:

Biex jiġu aġġornati l-korpi governattivi msemmija b'informazzjoni attwali u jiġi inkluż Plymouth fejn hija indikata ż-żona ġeografika għall-ipproċessar.

Emenda l-paragrafu ħamsa:

Ibdel "fil-limitu ta' sitt mili tas-CSFC" biex tinqara "fil-limitu rivedut ta' sitt mili tas-CIFCA".

Emenda l-paragrafu tmienja (il-paragrafu ta' qabel tal-aħħar) biex jaqra:

"Il-kompożizzjoni delikata tal-ħut titlob li l-ħut jinħatt minnufih. Id-dgħajjes imorru lura fil-portijiet lokali, minn fejn jittieħed lejn il-fabbriki għall-ippakkjar, għall-ħażna u għall-ipproċessar. Il-ħatt u l-ipproċessar tal-Cornish Sardines iseħħ fiż-żona ġeografika definita tad-distrett tas-sajd tas-CIFCA, Cornwall u ż-żona amministrattiva/tal-port ta' Plymouth koperta mill-kodiċi postali PL4. Din iż-żona tinkludi bajjiet żgħar u portijiet tradizzjonali fejn fil-passat kien isir l-ipproċessar. Minħabba t-teknoloġija moderna, l-istandards ta' iġjene u l-pressjoni fuq il-proprjetà tal-kosta, il-fabbriki fiż-żoni industrijali ħadu post il-kantini tal-ħut fil-portijiet tal-villaġġi iżda l-fabbriki kollha jinsabu fiż-żona ġeografika identifikata."

(f) *Oħrajn*

Teħtieġ emenda fis-Sezzjoni 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott li tipprovdi d-dettalji tal-grupp applikant. Din trid turi bidla fl-indirizz u fid-dettalji ta' kuntatt.

DOKUMENT UNIKU

"**CORNISH SARDINES**"

**Nru tal-UE: UK-PGI-0105-01306 — 29.1.2015**

**DOP ( ) IĠP ( X )**

1. **L-isem**

"Cornish Sardines"

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz**

Ir-Renju Unit

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.7. Ħut frisk, molluski, krustaċji u prodotti magħmulin mill-ħut

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Cornish Sardines huwa l-isem mogħti lill-ħut pelaġiku tal-ispeċi sardina pilchardus li jkun inqabad, inħatt u ġie pproċessat fiż-żona ġeografika indikata. L-isem ordinarju mogħti lill-ħut huwa pilchard (sardin).

Il-Cornish sardines għandhom lewn aħdar metalliku jew lewn iż-żebbuġa tul daharhom bi ġnub dehbiena u sfumaturi jkanġu bejn fidda u fidda fl-abjad fuq żaqqhom. Hemm sensiela ta' tikek skuri fuq in-naħa ta' fuq tal-ġnub, xi drabi anki b'sensiela jew tnejn oħra taħtha. Id-daqs tal-ħut jista' jvarja matul l-istaġun. Kull kilogramma ta' sardin għandu jkollha bejn disa' u tmintax-il sardina.

Il-laħam frisk għandu konsistenza soda u fina li malajr tirtab u teħżien b'mod esponenzjali hekk kif it-temperaturi jogħlew aktar minn 1 °Celsius. Il-qawwa individwali tat-togħma tvarja skont il-freskezza tal-ħut u l-livell ta' xaħam fil-laħam.

Il-Cornish Sardines friski jkunu jleqqu u sodi, bil-parti l-kbira tal-qxur intatti u l-garġi jkollhom lewn roża skur jew aħmar. Iridu jkunu smini u jinxtammu friski u jkunu fl-aqwa tagħhom lejn l-aħħar tas-Sajf meta jkunu tarjin u b'togħma rikka. Il-Cornish Sardines jistgħu jinbiegħu friski jew iffriżati.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-ħut irid jinqabad fiż-żona ta' ġurisdizzjoni tal-Cornish Inshore Fisheries and Conservation Authority; u jinħatt u jiġi pproċessat fiż-żona ġeografika indikata.

L-ipproċessar f'dan il-kuntest huwa meqjus bħala kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin, jew taħlita tagħhom: l-iffilettjar, it-tneħħija tar-ras, it-tneħħija tal-ġewwieni, l-iffriżar, l-immarinar u t-tmelliħ:

— l-iffilettjar ifisser is-separazzjoni bl-idejn jew bil-magni tar-ras u x-xewka tad-dahar minn mal-laħam,

— it-tneħħija tar-ras u l-ġewwieni ifisser il-qtugħ tar-ras u t-tneħħija tal-imsaren, bid-denb jew mingħajru,

— l-iffriżar ifisser li l-prodott sħiħ jinġieb u jinżamm taħt temperatura ta' żero gradi Celsius u b'ħekk isir solidu,

— it-tmelliħ jew l-immarinar ifisser il-preservazzjoni tal-prodott bit-tnaqqis tal-fażi tal-ilma, permezz taż-żieda ta' melħ u/jew ta' aċidi, sabiex jinħoloq ambjent li huwa inospitabbli għall-batterji li jagħmlu l-ħsara.

Meta jkun sħiħ, il-ħut frisk jiġi ppakkjat f'kaxxi tas-silġ jew imkessħa biex jiġi ttrasportat għall-klijenti. Inkella l-ħut jiġi ffriżat u ppakkjat f'kaxxi jew boroż għall-ħażna fil-friża u mbagħad jiġi mgħoddi lill-klijenti.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ.*

—

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

—

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Il-Kontea ta' Cornwall. Il-qbid tas-sardin ser ikun definit bħala ż-żoni tal-ibħra taż-żona tal-ġurisdizzjoni tal-Cornwall Inshore Fisheries and Conservation Authority (CIFCA) (magħrufa wkoll bħala d-distrett CIFCA) — sa sitt mili 'l barra mill-Kosta ta' Cornwall. Iż-żona tal-port ta' Plymouth koperta mill-kodiċi postali PL4, hija inkulża wkoll, għall-ħatt u l-ipproċessar biss.

Id-Distrett ta' Cornwall IFCA jestendi minn Marsland Mouth fuq il-kosta tat-Tramuntana ta' Cornwall, sal-estremità tal-Punent tal-Plymouth Breakwater fi Plymouth Sound fil-kosta tan-Nofsinhar, sal-limitu ta' sitt mili "l barra għall-ilmijiet kollha u jinkludi x-xmajjar u l-estwarji sal-limiti tal-marea. Id-Distrett huwa mkejjel mil-linji bażi tal-1983 kif kienu jeżistu fil-25 ta' Jannar 1983, li jista" jkun minn blat espost, inkluża Eddystone Rock, u elevazzjonijiet oħrajn tal-marea baxxa. Il-linji bażi huma konformi mal-Ordni tal-Ilmijiet Territorjali fil-Kunsill 1964 (1965 III p. 6452 A) kif emendata mill-Ordni (tal-Emenda) tal-Ilmijiet Territorjali fil-Kunsill 1979 (1979 II p. 2866).




5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Hemm rabta speċifika ħafna bejn iż-żona ġeografika u l-prattiki tas-sajd fosthom il-qbid, il-ħatt u l-ipproċessar tal-Cornish Sardines, li huma metodi tas-sajd tradizzjonali dokumentati sew. Il-Cornish Sardine hija attirata lejn iż-żona ġeografika minħabba l-ambjent tagħha, jiġifieri l-kundizzjonijiet disponibbli fiha fl-ilmijiet baxxi tal-bajjiet taż-żona indikata. Dawn l-ilmijiet jipprovdu l-ambjent ippreferut mill-ħut. L-Oxxillazzjoni tal-Atlantiku tat-Tramuntana (North Atlantic Oscillation — NAO) hija l-fenomenu klimatiku ewlieni taż-żona tal-Atlantiku li fih tinsab iż-żona ġeografika indikata u hija ġeneralment il-kawża tat-temperaturi u l-marei li jikkontrollaw ukoll fejn jinsab il-fitoplankton, jiġifieri l-ikel tal-Cornish Sardines.

Ir-rabta speċifika maż-żona ġeografika hija li s-sajd għas-sardin iseħħ meta l-ħut jersaq lejn dawn il-bajjiet baxxi. Din it-teknika karatteristika ta' stil tas-sajd tixbaħ il-prattiki tradizzjonali tal-ġenerazzjonijiet ta' qabel.

Tradizzjonalment, il-ħut kien jinqabad meta kien jersaq eqreb lejn il-kosta. Fil-passat dan kien isir billi jkun hemm persuni apposta jgħarrxu għall-ġlejjeb minn fuq l-irdumijiet, u meta kienu jilmħu l-ġlejjeb tal-ħut, dawn il-persuni kienu jidderieġu lid-dgħajjes biex jaqbdu l-ħut (permezz ta' semaforu lokali). Il-limitu taż-żona kien sa fejn twassal il-vista mill-qċaċet tal-irdumijiet. Din it-tradizzjoni baqgħet għaddejja; l-għarfien ta' fejn jinġabar il-ħut baqa' jintiret minn ġenerazzjoni għal oħra, għalkemm it-teknoloġija moderna ħadet post l-għassa minn fuq l-irdumijiet. Iż-żieda tat-teknoloġija moderna tfisser li d-distanza 'l barra mill-kosta kibret matul is-snin iżda l-flotot lokali xorta ma jitbiegħdux ħafna 'l barra u jsegwu l-ħut fejn jinġabar fl-ilma baxx. Il-limiti ġeografiċi tal-operazzjonijiet tal-qbid tal-ħut huma kollha fil-limitu rivedut ta' sitt mili tas-CIFCA u għalhekk iż-żona tiddeskrivi sew iż-żona fejn jinqabad il-ħut. Minħabba n-natura fraġli tal-ħut, l-immaniġġjar u l-viċinanza għall-port tal-ħatt huma essenzjali biex tiġi żgurata l-kwalità tal-prodott li jinħatt.

It-tradizzjoni storika antika ħafna u t-tekniki użati għall-qbid, il-ħatt u l-ipproċessar tas-sardin fiż-żona ġeografika speċifikata jiffurmaw il-bażi tar-rabta maż-żona ġeografika. Il-ħut issa jinqabad permezz ta' tekniki sostenibbli tas-sajd li jiżguraw l-immaniġġjar tajjeb tas-sajd.

*Il-qabda*

Minħabba ċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom il-ħut jgħumu qrib ix-xatt u ladarba feġġew il-ġlejjeb feġġew ukoll il metodi ta' sajd tradizzjonali li storikament saru avveniment komunitarju. Is-sajjieda u n-nies tal-belt bdew jingħaqdu flimkien biex idaħħlu l-ħut.

Għalkemm il-metodi llum il-ġurnata evolvew is-sajd għadu parti essenzjali mill-ekonomija tal-Lbiċ. Flotta varjata ta' dgħajjes għadha taqbad il-Cornish Sardines mill-portijiet u l-bajjiet iż-żgħar li jinsabu fiż-żona indikata.

It-tradizzjoni twila tas-sajd għall-Cornish sardines fiż-żona hija evidenti fil-ħiliet li għandhom is-sajjieda tas-sardin. Il-ħiliet li għaddew minn ġenerazzjoni għal oħra jinkludu mhux biss il-ħila li jinstab is-sardin u jinqabad b'suċċess iżda wkoll l-esperjenza fl-immaniġġjar tal-ħut b'mod delikat biex tinżamm il-kwalità tal-qabda.

Is-suċċess tal-qabda jiddependi wkoll fuq it-tradizzjoni tad-dgħajjes li jaħdmu bħala tim; bosta dgħajjes minn port jew grupp ta' negozju wieħed jaħdmu flimkien.

*Il-ħatt u l-ipproċessar*

Fil-passat kull port kellu faċilitajiet ta' ħażna u pproċessar (kantini tal-ħut) u l-popolazzjoni lokali kienet tagħti sehemha sabiex tiżgura li l-prodotti tal-ħut jiġu pproċessati malajr. B'mod simili llum il-kompożizzjoni delikata tal-ħut titlob li jinħatt minnufih. Id-dgħajjes imorru lura fil-portijiet lokali u minn hemm jittieħed lejn il-fabbriki għall-ipproċessar, l-ippakkjar u l-ħażna.

Il-ħut jiġi pproċessat fiż-żona ġeografika indikata. Din iż-żona tinkludi l-bajjiet żgħar u portijiet tradizzjonali fejn fil-passat kien isir l-ipproċessar. It-teknoloġija moderna u l-istandards ta' iġjene u l-pressjoni fuq il-proprjetà tal-kosta issa jfisser li l-fabbriki fiż-żoni industrijali ħadu post il-kantini tal-ħut fil-portijiet tal-villaġġi iżda l-fabbriki kollha jinsabu fiż-żona ġeografika identifikata.

Il-ħatt u l-ipproċessar tal-ħut iridu jsiru fiż-żona ta' Cornwall u ż-żona tal-port ta' Plymouth koperta mill-kodiċi postali PL4.

*Reputazzjoni*

L-isem ta' Cornwall u "Cornish" kien jintuża għal sekli sħaħ fuq il-prodotti tal-ħut u għaldaqstant għandu rabta qawwija mar-reputazzjoni tal-ħut li jinqabad, jinħatt u jiġi pproċessat fiż-żona ġeografika.

L-ewwel esportazzjonijiet irreġistrati ta' sardin immellaħ (li dak iż-żmien kien jissejjaħ sardin) saru fl-1555 mill-port ta' Cornwall imsemmi Looe. Matul is-seklu sbatax u tmintax dawn l-esportazzjonijiet saru wieħed mis-sisien tal-industrija tas-sajd ta' Cornwall bl-akbar ħatt irreġistrat ikun dak tal-1871, li kien ilaħħaq madwar 16 000 tunnellata. Il-pajjiżi Kattoliċi fl-Ewropa kienu d-destinatarji ewlenin, b'mod partikolari l-Italja, fejn il-prodott kien magħruf bħala "Salacche Inglesi" fit-Tramuntana tal-pajjiż.

L-użu tal-isem Cornish Sardine u r-reputazzjoni tal-kwalità tal-prodott kiber f'dawn l-aħħar għaxar snin minħabba l-ħidma kbira tal-membri tal-Cornish Sardine Management Association u l-kwalità għolja tal-prodott tagħhom. Il-Cornish Sardines kisbu żieda fil-volum ta' bejgħ b'mod partikolari fis-suq bl-imnut tar-Renju Unit fejn kisbu prestiġju.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet**

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

https://www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/571339/cornish-sardines.pdf